SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 16/KA2/16

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/10 – 19/01/16** **57**

**Nru ta' seduti minn 12/07/10 – 19/01/16** **67**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 02/12/14** **06**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Tlieta 19 ta' Jannar 2016.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00p.m.

1.03

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Albert Bonello Ghio | Ċermen | ABG | Preżenti |
| Micheal La Rosa | Viċi Ċermen | MLR | Preżenti |
| Joseph Oliva | Membru | JO | Preżenti |
| Maria Dolores Falzon | Membru | MDF | Preżenti |
| Richard Scicluna | Membru | RS | Preżenti |
| Karl Gouder | Sindku | KG | Skużat |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Cher Carmen Fenech | Skrivana | CCF | Preżenti |

1.04 Preżenza tal-Pubbliku :- (0)

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-14 ta' Jannar 2016. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Amministrattiv
4. Laqgħa tal-Lokalita'
5. Quarterly Financial Report sal-31 ta' Diċembru 2015
6. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
9. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 15/KA2/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Maria Dolores Falzon pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Il-Membru Michael La Rosa ssekondat.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P512 Ittra mingħand Transport Malta dwar Triq il-Knisja

P541 Email mingħand Schembri Import and Export Ltd dwar il-*cameras* fi Triq Wilġa u Triq Elija Żammit.

P542 Email mingħand Shopline Marketing dwar il-problema tal-parkeġġ fi Triq Wilġa.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P512**

2.02 Il-Kumitat ġie nfurmat bil-korrispondenza fir-rigward ittra mingħand it-Transport Malta dwar Triq il-Knisja.

2.03 Ġie deċiż li jitneħħa *parking bay* fi Triq il-Knisja kantuniera ma` Triq Spinola filwaqt li ssir mera faċċata.

2.04 Il-Membru Richard Scicluna wasal fil-5.30p.m.

**Rif. Nru. P541**

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand Schembri Import and Export dwar cameras fi Triq Wilġa u Triq Elija Żammit. Ġie deċiż unanimament li ser tiġi ċċekjata l-*area* u ser isiru aktar verifiki biex issir *un/loading bay*. B'hekk tkun qed tigi ffacilita` din il-problema fi Triq Wilġa.

**Rif. Nru. P542**

2.06 Saret riferenza għal-email mingħand Shopline Marketing dwar il-problema tal-parkeġġ fi Triq Wilġa. Ġie deċiż unanimament li ser tiġi ċċekjata l-*area* u ser isiru aktar verifiki biex issir *un/loading bay*. B'hekk tkun qed tigi ffacilita` din il-problema fi Triq Wilġa.

**3. Rapport Amministrattiv**

3.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat bir-Rapport Amministrattiv (Ara Appendiċi 'A')

3.02 Wara diskussjoni qasira, il-Viċi Ċermen Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tiegħu.

3.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4. Laqgħa tal-lokalita'**

4.01 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalita' issir nhar il-Ħamis 28 ta' Jannar fis-6.00p.m. ġewwa l-Millenium Chapel.

4.02 Il-Kumitat Amministrattiv kien nnotifikat li saru l-avviżi fil-gażżetti sabiex r-residenti jkunu nnotifikati.

**5. *Quarterly Financial Report* sal-31 ta' Diċembru 2015**

5.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat bil-*Quaterly Financial Report* sal-31 ta' Diċembru 2015 (Ara Appendiċi 'B')

5.02 Wara diskussjoni qasira, il-Viċi Ċermen Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tiegħu.

5.03 Il-Membru Joe Oliva  ssekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

5.05 Il-Kumitat Amministrattiv ġie ppreżentat bil-*budget* għas-sena 2016 (Ara Appendiċi ‘Ċ’).

5.06 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-*budget* jiġi emmendat u jerġa jitla’ għal-laqgħa li jmiss.

**6. Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

6.01 Ġie deċiż unanimament li ssir laqgha bejn il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv Paceville u s-Sur James Piscopo, *Chairmen,* tat-Transport Malta fir-rigward l-problemi ta’ *traffic management* f’Paceville.

6.02 Ġie deċiż unanimament li għandha terġa tintbagħat ittra lid-Dolce Sicilia u lill-More Souvenier Shop minħabba li baqgħu joħorġu l-iskart barra. Għaldaqstant għandhom jigu nnotifikati li f’każ li dan l-abbuż jibqa` jseħħ, il-Kumitat ma jkollu l-ebda triq oħra ħlief li jagħti l-multi.

**7 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi ‘D’).

7.02 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni taghhom.

7.03 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ssekondah.

7.04 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabbilita’ fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalita’ tax-xogħol.

7.05 Il-pagamenti ġew approvati.

**8 Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. 376 sa’ nru.  382  għall-approvazzjoni (Ara Appendici ‘E’)

8.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

8.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu.

8.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**9. Aġġornament tal-laqgħa**

9.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 23 ta' Frar 2016 fil-5.00p.m.

9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.05p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**